MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 1037/1997/1

Joseph Borg
vs
Direttur, Dipartiment ta' l-Agrikoltura u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2000 gew kjamati fir-rikors MIMCOL u Comino Pig Farm Development Company Limited u b'digriet tas-16 ta' Mejju 2001 giet kjamata fir-rikors il-Koperattiva ta' min irabbi l-majjali

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1993 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li tkecca mix-xoghol minghajr ma' gie offrut impjieg alternattiv.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej.

Ir-rikorrent dahal jahdem mal-Comino Pig Development Company Limited fl-1985. Il-haddiema ta' din il-kumpanija kienu jigu trasferiti ma' dipartimenti tal-Gvern u kumpaniji parastatali.

Madankollu fl-1993 il-Kumpanija temmet l-attivita` taghha u kecciet lill-haddiema minghajr ma' offriet lir-rikorrent impieg alternattiv. Mill-ghada r-rikorrent beda jirregistra u baqa' jirregistra sitt xhur shah.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Agrikoltura li eccepixxa:

Illi huwa ma kellu ebda gurisdizzjoni fuq l-operat tal-Comino Pig Farm Development Company Limited u ghaldaqstant huwa mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandu jigi liberat minn osservanza. Ghal kull buon fini l-intimat irrileva li hija l-MIMCOL li ghandha gurisdizzjoni fuq il-Kumpanija msemmija.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Malta Investment Management Company Limited li eccepiet;

Illi s-socjeta` kjamata fil-kawza qatt ma kellha relazzjoni guridika mar-rikorrent u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi dan it-Tribunal mhux kompetenti li jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent li hija kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Ra l-elenku tax-xhieda  tas-socjeta` kjamata fil-kawza.

Ra r-risposta tal-Comino Pig Farm Company Limited li eccepiet:

Illi socjeta` kjamata fil-kawza xoljiet fil-31 ta' Mejju, 1993 u konsegwentament stralcjata, u giet imhassra mir-Registru tas-Socjetajiet fis-27 ta' Novembru, 1996, u ergo ghal kull effett tal-ligi, hija inkapaci li toqghod f'din il-kawza;

Illi in oltre, dan it-Tribunal, m'ghandux kompetenza 'rationae materiae', u ghandu jiddiklina milli jiehu konjizzjoni tal-ilment, peress illi dan huwa dwar allegazzjoni ta' terminazzjoni ingusta ta' impieg, u ergo ma jinkwadrax ruhu taht l-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997 u anzi jaqa' esklussivament fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt tat-telfien ta' impieg tar-rikorrent, kien biss il-konsegwenza inevitabbli tal-fatt illi s-socjeta` kjamata fil-kawza giet xolta u temmet l-operazzjonijiet taghha;

Illi fl-isfond ta' dan ix-xoljiment tas-socjeta` kjamata fil-kawza, il-Gvern ghadda r-razzett tal-majjali f' Kemmuna lill-Koperativa ghat-Trobbija tal-Majjali, bl-iskop uniku li tezercita l-funzjoni li kellha precentement is-socjeta` kjamata fil-kawza, cioe` principalment dik tal-produzzjoni tal-majjali, u dana assolutament minghajr ma sar ebda ftehim dwar impiegi.

Ra l-elenku tax-xhieda  ta' l-intimat.

Fis-16 ta' Mejju 2001 Dr. Cutajar ghall-Koperattiva ta' min irabbi l-majjali ddikjara li l-istess eccezzjonijiet tal-Comino Pig Farm Developement Company Limited huma applikabbli u zied li l-Koperattiva ta' min irabbi l-majjali

mhix is-successur legali tal- Comino Pig Farm Development Company Limited.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ra li fis-16 ta' Mejju 2001 Dr. Cardona fil-prezenza tar-rikorrent ceda l-kawza fil-konfront tal-Comino Pig Farm Development Company Limited.

Xehed ir-rikorrent li qal li fl-1985 kien jahdem mal-Comino State Development. Semma li meta beda jahdem, beda jithallas mill-Comino Pig Development, u mal-Comino Pig Development, il-Gvern kien il-major shareholder. Qal li hu kien dahal u spicca mal-kumpanija bhala labourer, izda xogholu ma kienx ta' labourer. Hu kien responsabbli mic-cwievet, mill-qtil tal-annimali, mix-xiri tal-gwiez u l-ikel. Semma wkoll li c-Chairman tal-kumpanija kien Franco Seracino Inglott, li kien id-Direttur tal-Agrikoltura. Spjega li mis-sittax-il ruh li kien hemm mal-kumpanija, xi whud inzammu u xi ohrajn tkeccew. Qal li sentejn qabel ma spiccat il-kumpanija, kien hemm skema fejn min irid jitlaq minn mal-kumpanija, jibbenifika minn bonus, u kien hemm min kien ibbenefika minn dan. Qal li kien hemm zmien meta kien hemm hamsa li riedu jitnaqqsu, u hu kien is-sitt wiehed li dahal l-ahhar mal-kumpanija, u ghalhekk ma kienx applika ghall-iskema. Qal li eventwalment Saviour Vella, li kien il-General Manager tal-kumpanija kien qallu bit-terminazzjoni tal-impieg tieghu. Qal li kull ma ha meta gie terminat l-impjieg lilu, kien il-bonus tal-Gvern kif ukoll thallas tan-notice li ma hadimx. Hu qal li hass li saret ingustizzja mieghu, wara dawk il-hinijiet kollha ta' xoghol li kien jaghmel.

In kontro-ezami, qal li meta dahal mal-kumpanija, ma ffirmax kuntratt, u dahal fuq bazi full time u ghas-sighat

addizzjonali kien jithallas l-overtime. Qal li hu spicca fl-1993, u dak iz-zmien il-Gvern kellu shareholding fil-Comino Pig Farm. Qal li meta giet xolta l-kumpanija, kien ghad baqa' biss tmien impjegati. Zied ighid li meta dahal fl-1985, dahal mal-ahhar erba' minn tmienja, u mill-ewwel kien sema' li l-kumpanija riedet tispicca, izda qal li l-kumpanija ghalih ma spiccatx. Qal li meta harget l-iskema, dawk li kienu dahlu l-ahhar fl-impieg applikaw. Semma li fil-fatt, spicca barra meta giet xolta l-kumpanija.

Xehed Saviour Vella li kien sekondat mal-Comino Pig Farm minn mal-Gvern. Qal li l-Gvern kien jahtar ic-Chairman hu, u kellu l-maggoranza tan-nies fil-bord. Semma li kien hemm zmien meta spiccaw b'nuqqas ta' haddiema u impjega xi haddiema ohra fosthom lir-rikorrent. Qal li l-kariga tar-rikorrent kienet ta' Live Stock Attendant. Qal li r-rikorrent kien efficjenti fuq xoghlu u qal li qatt ma kellu lmenti dwaru. Zied li meta l-Gvern kien iddecieda li jaghti l-kumpanija lill-privat, il-koperattiva ma setghetx taccetta lil dawk l-impjegati kollha li kien hemm, u ghalhekk iddecidiet li toffri incentivi finanzjarji, biex l-impjegati li kien hemm jitilqu minn rajhom, mhux jistennew li jigu mwaqqfa. Qal li hu kien qal lir-rikorrent biex ma japplikax ghax it-talba tieghu ma kenitx ser tigi accettata. Fil-fatt qal li r-rikorrent kien inzamm sa l-ahhar. Semma wkoll li r-rikorrent ghalkemm ma kienx jithallas ta' Supervisor, kien Senior hemmhekk, u kien jaghmel xoghol ta' Supervisor, u f'dan is-sens ix-xoghol tieghu hemm kien essenzjali, u b'hekk ma setghux ihalluh jitlaq kieku applika ghall-iskema, u semma li r-rikorrent kien anke jassumi responsabbiltajiet ta' management.

Xehed Francis Mifsud li kien Direttur u Segretarju tal-Comino Pig Development Company, li qal li l-kumpanija kienet parastatali, u amministrata mill-MIMCOL, u d-Diretturi jigu appuntati mill-MIMCOL stess. Qal li ghandu ideja vaga tas-Sur Borg u ftakar dwar decizjonijiet li ttiehdu biex il-kumpanija tigi xolta. Qal li kien gie deciz li dan ix-xoghol li kien qed isir mil-kumpanija, ma jsirx iktar mill-Gvern, izda jghaddi ghall-privat u din kienet decizjoni ministerjali. Ma kien jaf xejn dwar dawn id-decizjonijiet li ttiehdu mill-MIMCOL u mid-Dipartiment tal-Agrikoltura, fir-

rigward ta’ x’ ser isir mill-haddiema meta tigi xolta l-kumpanija.

Xehed <u>Carmel Aquilina</u> rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, li qal ir-rikorrent ma jidher li kien qatt fuq ir-records taghhom bhala impjegat tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, izda hadd mill-impjegati tal-Comino Pig Development ma kien impjegat mad-dipartiment taghhom. Qal li l-impjegati tal-Comino Pig Development, kienu mislufin mal-kumpanija tal-Comino Pig, izda li seta’ jghid li r-rikorrent qatt ma kien impjegat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura.

Xehed <u>John Busuttil</u> Senior Manager mal-MIMCOL, li qal li l-funzjoni principali tal-MIMCOL dejjem kienet li timmoniterja l-kumpaniji parastatali. Qal ukoll li l-MIMCOL kienet successur tal-MDC, u ma seta’ jghid xejn fir-rigward tal-impjegati mal-Comino Pig Farm Development.

Xehed <u>Joseph Frendo</u> Segretarju tal-Koperattiva ta’ min irabbi l-majjali. Qal li l-koperattiva giet iffurmata fl-1982. Qal li dwar l-impjegati tal-Comino Pig Farm Development ma kellhomx bzonnhom, kienu nzammew tlieta biss dawk li originarjament fethu r-razzett, u dawn it-tlett persuni kienu ilhom hemm mill-1980, u qal li oltre dawn it-tlieta min-nies ma gie ingaggat l-ebda impjegat iehor.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ilment tar-rikorrent kif indikat fir-rikors a fol 1 tal-process kien li fl-1993 l-Comino Pig Development Company Limited temmet l-attivita` taghha u kecciet lill-haddiema minghajr ma offriet lir-rikorrent impjieg alternattiv u ghalhekk kellu jirregistra ghal xhur shah. Fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli difensur tar-rikorrent ittenta jdawwar il-binarji tat-talba fuq li r-rikorrent thalla minghajr impjieg u li ma giex trasferit ma’ dipartimenti ohra tal-Gvern u ma bbenefikax mir-retirement schemes offruti lil haddiema ohra, specjalment fuq dak li qal Saviour Vella fejn wara li fahhar lir-rikorrent minhabba l-kwalita` u d-dedikazzjoni tieghu ghax-xoghol semma li probabbilment it-talba ghal retirement schemes tar-rikorrent ma kenitx tkun accettata minhabba li kien haddiem efficjenti u dan li

kieku r-rikorrent applika ghaliha. Illi pero` kif intavolata fir-rikors it-talba tar-rikorrent tirriferixxi ghal dak li sofra l-istess rikorrent kawza tat-terminazzjoni tal-impjieg.

Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza mit-Tribunal fl-10 ta' Mejju, 1999 intqal:

Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni ta' impieg. Issa terminazzjoni ta' impieg ma

tissemma f'ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (d). "Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Ta' min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:

"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddecidi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:"

Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impiegi that il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f'azienda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998.

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi

hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga."

Bl-istess mod it-Tribunal ikollu jilqa' l-eccezzjoni moghtija mill-intimati u kjamati in kawza dwar il-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae.***

L-abbli difensur tar-rikorrent ipprova jiggranfa mal-fatt li r-rikorrent ma bbenefikax minn retirement schemes izda l-istess rikorrent isemmi fid-depozizzjoni tieghu a fol 27 tal-process li ma qabillux japplika ghal early retirement peress li kellu familja.  Ghalkemm dan it-Tribunal mill-lat uman jifhem dak li ghadda minnu r-rikorrent, izda jinkombi fuqu li jimxi mal-principji legali u m' ghandux alternattiva hlief li jiddikjara li t-talba tar-rikorrent tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------